DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1114

tat-28 ta' Ġunju 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK ([1]), li kompliet il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) mill-1 ta' Lulju 2013.

(2) Fid-29 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/942 ([2]), li emendat id-Deċiżjoni 2013/354/PESK u li estendiet l-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019.

(3) Wara r-Reviżjoni Strateġika tal-EUPOL COPPS, jenħtieġ li l-EUPOL COPPS tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar, sat-30 ta' Ġunju 2020.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/354/PESK tiġi emendata skont dan.

(5) L-EUPOL COPPS ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 12(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 għandu jkun ta' EUR 12 430 000.";

(2) fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2019.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/942 tad-29 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 166, 3.7.2018, p. 17).